MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru. 374/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Ian Xuereb**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, Ian Xuereb ta' 23 sena, iben Jesmond u Rosline nee` Camilleri, imwieled il-Pieta` fl-14 ta' Marzu 1987 u residenti gewwa Block 6, Flat 3, Triq il-Fosos, Floriana jew Numru 82, Triq il-Kononku Bonnici, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 149887(M):

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-8 ta' Mejju 2010 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina sprcifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-drogamsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell ta' Malta nhar id-9 ta' Ottubru 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali aggornata tieghu li tinkludi numru ta' kundanni, fosthom wahda dwar traffikar tad-droga, dwar liema huwa gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' tlett snin u multa ta' Lm1000. Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat huwa recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22 (1)(a), 22 (2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal- Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' elf Euro (€1000) li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument VA2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------